MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2005

Appell Kriminali Numru. 271/2004

**Il-Pulizija**

**v.**

**Michael Dalmas**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Michael Dalmas talli fil-15 ta' Lulju 2004 meta hekk ordnat mill-Qorti Civili Sekond'Awla b'digriet Nru. 16/1998 datat 15 ta' Jannar 1998, mahrug mill-Imhallef Onor. Joseph David Camilleri LL.D. naqas jaghti s-somma ffissata meta hekk ordnat mill-Qorti kompetenti kull 15 tax-xahar lill-mara tieghu Jacqueline Dalmas fi zmien hmistax il-jum li fih skond dik l-ordni jkollha tithallas dik is-somma;

Rat id-digriet tat-18 ta' Novembru 2004 ta' l-ewwel Qorti fejn qalet li "wara li semghet lill-partijiet jittrattaw it-talbiet

rispettivi taghhom, peress illi fil-fehma taghha ma jirrizultawx ragunijiet sufficjenti fil-ligi sabiex issir riferenza Kostituzzjonali f'dawn l-atti, tichad it-talba ghal tali riferenza u tordna l-kancellament ta' l-isem tat-terza persuna illi sar f'dan il-verbal";

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-18 ta’ Novembru 2004, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Michael Dalmas hati ta' l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u kkundannatu ghall-hlas ta' erbghin liri Maltin (Lm40) fi zmien xahrejn mid-data tas-sentenza taht l-artiklu 377 (3) Kapitolu 9 taht penali ta’ zewg liri Maltin (Lm2) kuljum fin-nuqqas;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmi Michael Dalmas pprezentat fis-26 ta’ Novembru 2004 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka, thassar u tannulla l-imsemmi digriet tat-18 ta’ Novembru 2004, u l-imsemmija sentenza moghtija fit-18 ta’ Novembru 2004 fl-ismijiet premessi u tibghat l-atti lura lill-ewwel Qorti sabiex tmexxi l-procedimenti skond il-ligi, jew jekk jidhrilha li m’ghandhiex tibghat l-atti lura lill-ewwel Qorti, tmexxi l-procediment hija skond il-ligi, u finalment tillibera lill-appellant minn kull htija w piena skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-ewwel aggravju li din il-Qorti sejra tittratta huwa dak dwar id-digriet ta' l-ewwel Qorti li permezz tieghu cahdet it-talba ta' l-appellant ghal riferenza kostituzzjonali. L-appellant jghid li dak id-digriet huwa rritu u null peress illi l-ewwel Qorti kellha ssaqsi lilha nnifisha: "Jekk il-kwistjoni tigi deciza mill-Qorti kompetenti (i.e. il-Prim'Awla tal-Qorti Civili) favorevolment ghal min qed jaghmel it-talba, l-ezitu tal-kwistjoni jista' jkollu rilevanza fuq il-procediment odjern?" Jekk it-twegiba tkun fl-affermattiv, jghid l-appellant, l-ewwel Qorti ghandha tirreferi l-kwistjoni lill-

Prim'Awla a tenur ta' l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni jew ta' l-artikolu 4 ta' l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319. Jekk, min-naha l-ohra, it-twegiba tkun fin-negattiv, l-ewwel Qorti ghandha tiddikjara t-talba ghal riferenza bhala frivola u vessatorja minn liema decizjoni ma jkunx hemm appell.

Is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni jipprovdi li "jekk f'xi proceduri f'xi qorti li ma tkunx il-Prim'Awla tal-Qorti Civili jew il-Qorti Kostituzzjonali tqum xi kwistjoni dwar il-ksur ta' xi wahda mid-disposizzjonijiet ta' l-imsemmija artikoli 33 sa 45 (maghdudin), dik il-qorti ghandha tibghat il-kwistjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili kemm-il darba fil-fehma taghha t-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx semplicement frivola jew vessatorja". Bl-istess mod jipprovdi s-subartikolu (3) ta' l-artikolu 4 ta' l-Att XIV ta' l-1987.

Fid-digriet taghha l-ewwel Qorti qalet li "fil-fehma taghha ma jirrizultawx ragunijet sufficjenti fil-ligi sabiex issir riferenza Kostituzzjonali". Dak li l-ewwel Qorti kellha taghmel pero kien jew li tirreferi jew tiddikjara li l-kwistjoni li giet imqanqla kienet frivola jew vessatorja. Kif tajjeb osserva l-appellant fir-rikors ta' appell tieghu u kif kostantement gie ritenut mill-Qrati taghna, *tertium non datur*. Ghalkemm l-ewwel Qorti ddikjarat li ma kienx hemm ragunijiet sufficjenti biex takkolji t-talba ghal riferenza, xorta dehrilha li ma kellhiex tiddikjara li t-talba kienet "frivola" jew "vessatorja". Din hija l-ewwel decizjoni li kellha tittiehed mill-ewwel Qorti. Kieku ddecidiet li t-talba kienet "frivola" jew "vessatorja", stante li minn tali decizjoni m'hemmx appell, setghet imbaghad tipprocedi bis-smigh tal-kawza fil-mertu u tghaddi ghas-sentenza.

F'dawn ic-cirkostanzi ghalhekk din il-Qorti m'ghandha l-ebda triq ohra hlief li tiddikjara bhala irritu u null kemm id-digriet moghti fit-18 ta' Novembru 2004 kif ukoll is-sentenza moghtija fl-istess gurnata fil-konfront ta' l-appellant. U sabiex ma tipprivax lill-partijiet mill-beneficcju tad-doppju ezami fir-rigward tal-mertu tal-kaz li jista' jiddependi wkoll mid-decizjoni li trid tittiehed dwar jekk issirx riferenza kostituzzjonali lill-Prim'Awla jew jekk jigix dikjarat li t-talba hija frivola jew vessatorja, sejra tirrimetti l-

atti lill-ewwel Qorti sabiex din tiddeciedi l-kawza skond il-ligi.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tiddikjara rritu u null kemm id-digriet moghti mill-ewwel Qorti fit-18 ta' Novembru 2004 li permezz tieghu cahdet it-talba ghal riferenza kostituzzjonali kif ukoll is-sentenza appellata u tordna lir-Registratur sabiex minnufih jibghat l-atti lura lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex din tisma' l-kawza mill-gdid u tiddecidiha skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------